MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 583/2005

**George Borg Ltd (C-54)**

**vs**

**Jesmond Sant u Rita Sant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Marzu, 2005 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u disghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm790.78) rapprezentanti bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija .**
**Ghalhekk is-socjeta` attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu seba' mija u disghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm790.78) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment u tal-ittra bonarja datata 14 ta' Frar,**

**2005 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant prezentata fis-6 ta' April, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi l-eccipjenti qatt ma trattat mas-socjeta` attrici u dan peress illi l-hanut Save n Smile Discount Store kien gestit esklussivament minn zewgha Jesmond Sant u ghalhekk hija m'ghandhiex tkun responsabbli ghall-hlas pretiz u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju, 2005 fejn id-difensur tal-konvenut Jesmond Sant irrilevat li minn informazzjoni li ghandha, l-merkanzija giet ritornata a saldu tal-pagament u ghalhekk il-kawza ghandha tigi ceduta, u ghalhekk ma kienetx ghamlet risposta formali.**

**Semgha x-xhieda tal-konvenuti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ikkunsidra :**
**1. Illi t-talba hija ghall-hlas ta' bilanc dovut fuq merci.**
**2. Illi skond Rita Sant, fil-mori tal-kawza, is-salesman tas-socjeta` attrici kien mar jigbor il-merkanzija. Skond hi s-salesman qal li issa kienu « issetiljaw ». Dana ma giex kontradett.**
**3. Jesmond Sant jikkonferma li l-gbir tal-merkanzija kien ghall-hlas kollu li kien dovut. Skond il-konvenut is-salesman kien cempel lill-kumpanija u infurmahom li l-merkanzija li ngabret kienet « in settlement » tal-ammont dovut.**
**4. It-Tribunal jinnota li ma hemmx dawk ir-rekwiziti li trid il-ligi li juru li tassew meta ingabret il-merkanzija dan kien ghas-saldu. Ma hemm xejn li juri b'mod inekwivoku li dan kien hekk. Mil-lat l-iehor l-attur ma gab ebda prova in sostenn tat-talba tieghu, u ghalhekk minn dan l-aspett wiehed jista' jaccetta li fil-fatt m'ghad hemm xejn dovut lis- socjeta` attrici mill-konvenuti.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, t-Tribunal qed jichad it-talba. In kwantu l-merci ngabret wara li nfethet il-kawza, fic-cirkostanzi l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------